

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Enviro Tech International, Inc.

Konvenuta: Centros Comerciales CARREFOUR S.A.

Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-291/04 fir-rigward tat-talbiet tal-appellanti għall-kumpens tad-danni; u
- tiddikjara lill-appellata responsabbli għad-danni subiti mill-appellanti; jew
- sussidjarjament, tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar it-talba tal-appellanti għall-kumpens tad-danni; u
- tikkundanna lill-appellata tbat i-ispejjeż kollha (inklużi l-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali).

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tinvoka li, billi ċaħdet ir-rikors tagħha għall-kumpens tad-danni abbażi tal-fatt li l-appellanti naqset milli tistabbilixxi l-eżistenza ta' azzjoni illegali min-naħa tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali għamlet żball fl-interpretazzjoni tagħha tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-425/08 u, bħala konsegwenza, hija wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tevalwa t-tielet parti tal-ewwel motiv tal-appellanti fir-rigward tal-illegalità tal-“immaniġġjar jew tal-użu normali” u kkonkludiet li r-rikors għall-kumpens tad-danni għandu jiġi miċħud.

Għal dawn ir-raġunijiet l-appellanti ssostni li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-291/04 għandha tiġi annullata fir-rigward tat-talba tal-appellanti għall-kumpens tad-danni u l-appellata għandha tiġi ddikjarata responsabbli għad-danni subiti mill-appellanti.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social n° 1 de Benidorm (Spanja) fis-26 ta' April 2012 — Concepción Maestre García vs Centros Comerciales CARREFOUR S.A.

(Kawża C-194/12)

(2012/C 227/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Social n° 1 de Benidorm

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Concepción Maestre García

Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol jipprekludi interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li l-leave jiġi interrott sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mil-leave kollu — jew mil-leave li jkun fadal — f'data sussegwenti jekk inkapaċità temporanja sseħħ qabel l-imsemmi leave u jkun hemm raġunijiet marbutin mal-produzzjoni jew mal-organizzazzjoni li jipprekludu li l-leave jittieħed f'data sussegwenti?
- (2) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, jipprekludi interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-persuna li timpjega li tiffissa unilateralment perijodu ta' leave li jikkoinċidi ma' inkapaċità temporanja, jekk il-ħaddiem ma jkunx indika minn qabel li jippreferi jieħu l-leave tiegħu fi żmien ieħor u meta jeżisti ftehim bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-impriża u l-impriża li jippermetti dan?
- (3) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol jipprekludi interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li, minkejja li ma jkunx hemm terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol, il-leave mhux meħud minħabba inkapaċità temporanja jiġi kkumpensat finanzjarjament jekk jeżistu raġunijiet marbutin mal-produzzjoni jew mal-organizzazzjoni li ma jippermettux li l-ħaddiem effettivament jieħu l-leave tiegħu?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju) fit-30 ta' April 2012 — Essent Belgium NV vs Vlaamse Reguleringinstantie voor de Elektriciteits- en Gasmarkt (VREG)

(Kawża C-204/12)

(2012/C 227/12)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel